**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 294/2016 CFF**

**John Vella**

**Vs**

**Joanna Farrugia**
**Sergio Fatatis**

**Illum 13 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' l-attur fejn talab li l-konvenuti jigu kkundannati jirrifondu lura l-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000) rapprezentanti depozitu fuq vettura tat-tip Porsche Cayenne bin-numru tar-registrazzjoni MH 04 NYD liema depozitu sar fl-4 ta' Gunju, 2015 u dwar liema vettura li ma kienitx tiffunzjona tajjeb u ghalhekk tali bejgh ma sarx, oltre l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00) fi spejjez inkorsi mir-rikorrenti inutilment.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi inkluz l-ittra ufficjali 166A u tal-Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet.

Rat **ir-risposta** ta' Joanna Farrugia fejn esponiet:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta Joanna Farrugia ma hix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u dan stante illi kif l-attur ben jaf, l-esponenti ma kellha x'taqsam xejn man-negozzjar tal-vettura Porsche Cayanne bin-numru ta' registrazzjoni MH04NYD. Illi fil-fatt ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli rikors illi l-vettura de quo kienet propjeta' unikament tal-intimat l-iehor Sergio Fatatis u li huwa unikament ircieva l-ewwel pagament fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000) u li Sergio Fatatis biss kellu jircievi t-tieni pagament fl-ammont ta' elfejn u erbgha mitt Ewro (€2,400). Fil-fatt kull negozjati saru bejn l-attur u l-konvenut Sergio Fatatis filwaqt li l-esponenti kienet biss il-pont bejn iz-zewg partijiet meta l-intimat Sergio Fatatis kien ikun barra minn Malta. B'hekk isegwi illi l-esponenti ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ukoll in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija perenta stante li a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni attrici hija wahda preskritta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti ma taqbilx mal-premessi tal-attur u cioe' li l-bejgh baqa' ma sarx. Illi fil-fatt l-bejgh gie konkluz meta l-partijiet iffirmaw l-iskrittura private prezentata mill-attur fl-avviz de quo u sussegwentement l-vettura giet lilu kkonsenjata u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. B'hekk l-azzjoni attrici hekk kif proposta hija wahda improponibbli u t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-attur ghandu jkun huwa responsabbli ghal hsara kkawzata fil-vettura Porsche Cayanne bin-numru ta' registrazzjoni MHO4NYD liema vettura ilha lilu kkonsenjata minn Gunju ta' sena 2015. B'hekk kwalunkwe hsara kkagunata fil-vettura giet kagunata mill-attur wara li l-vettura giet lilu mibjugha u kkonsenjata, u ghalhekk ghandu jkun l-attur li jirrispondi ghal tali hsarat u mhux jittenta jivvinta azzjoni xhur wara li l-vettura giet lilu mibjugha u kkonsenjata u jallega illi l-bejgh ma sehhx. B'hekk it-talba attrici ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-attur;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Sergio Fatatis ikkonsenja l-vettura lill-attur f'kundizzjoni tajba u fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, b'hekk il-hsara rizultanti fuq l-istess vettura hija unikament attribwibbli ghal agir tal-attur wara li l-vettura giet lilu kkonsenjata. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan ghar-ragunijiet li ser jingiebu quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli rikors.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluz tal-kontro-mandat fl-ismijiet *John Vella vs Joanna Farrugia u Sergio Fatatis* bin-numru 208/16 kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi din il-Qorti awtorizzat in-notifika ta' Sergio Fatatis permezz ta' Regolament 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rat illi Sergio Fatatis gie notifikat bl-atti ta' din il-kawza nhar it-18 ta' Settembru 2017.

Rat illi avolja Sergio Fatatis kien notifikat, huwa qatt ma ntavola risposta f'dawn l-atti.

**John Vella** spjega li l-vettura ghad fadlilha xi affarijiet xi jsirulha bhal per ezempju silencer u l-fatt li qeghda taghmel iz-zejt, izda dawn huma faults li xorta wahda jistghu jiehdu l-vettura ghall-inspection u sussegwentement isir it-transfer. Spjega li huwa ha l-vettura Ghawdex, taha l-petrol, sahnet u tajret il-gasket. Gie suggerit lilu biex jiehu l-karozza ghand certu mechanic jismu Peter u mhux ghand tal-Porsche ghax il-kont kien se jigi gholi hafna. Jikkonferma li dan Peter huwa habib ta' Sergio Fatatis. Il-vettura damet ghand dan il-mechanic bejn sentejn u tlett snin. Nel frattemp, sakemm il-karozza kienet ghadha ghand il-mechanic, it-transfer ma setax isir.

Rat in-nota tal-attur John Vella fejn iddikjara li qed icedi l-pretensjoni tieghu fil-konfront ta' Joanna Farrugia filwaqt li jzomm ferm fil-konfront ta' Sergio Fatatis.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta li din il-vettura Porsche Cayanne bin-numru ta' registrazzjoni MH04NYD kienet propjeta' esklussiva ta' Sergio Fatatis u kien hu li ghamel in-negozjati ma' l-attur biex l-attur jixtri l-imsemmija vettura. Sergio Fatatis baqa' qatt ma ntavola risposta. Jirrizulta li din il-vettura ma kenitx f'kundizzjoni tajba biex tinstaq ghaliex appena l-attur nizzilha Ghawdex mill-ewwel zviluppalha l-hsara u damet bejn sentejn u tlett snin biex tissewwa.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attur fil-konfront biss ta' Sergio Fatatis u tikkundannah ihallas lura l-ammont ta' hamest elef u mitejn u hamsin Ewro (€5250) lill-attur, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess konvenut Sergio Fatatis, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**